**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Isml

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 12/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 16/09/2010 fis-6.40pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Preżenti mis-7.10pm |
| | | Darmanin Richard | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Fenech Stephanie | Preżenti sat-8.30pm |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mit-8.15pm |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

**12. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Proponent: Seychell<br>Sekondant: Fenech | **Il-Minuti 11/10 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet.** | |
| | 11.3.9 | Id-data trid tinqara '24 ta' Settembru' u mhux 26 ta' Settembru | | |
| | 11.10.7 | L-isem għandu jinqara 'Fr Mario' mhux Fr Mamo. | | |
| | 11.10.8 | Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem 'biex nikkoperaw'. | | |
| | 11.10.17 | Flok Triq San Pawl tidħol 'Triq Palma'. | | |
| 12. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**12. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 1 | 11.2.1 | Viċi-Sindku: Xogħol mill-community worker | Il-Viċi-Sindku irrapurtat li x-xogħol fil-komunita' mis-Sur Benua Camilleri wasal biex jispiċċa. Ser tintbagħat persuna oħra li l-probation period tiegħu hija itwal minn dik ta' Camilleri. Is-Sindku faħħar lill-Viċi-Sindku għax-xogħol li tagħmel b'ħafna sagrifiċċju mingħajr kumpens anke nhar ta' Ħadd. Barra li tmur fuq il-post tax-xogħol fejn ikun assenjat Camilleri, isir xogħol ta' paperwork bħal attendance records, assessment reports etc. Is-Sindku spejga li l-Kunsill m'għandux ħaddiema biex jagħmel dan it-tip ta' xogħol u mhux sewwa li l-Kunsill qed ikun mgħobbi b'dan ix-xogħol. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Pace jara l-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern jistax jagħmel xi ħaġa f'dan ir-rigward. | Pace |
| 12. 2. 2 | 11.2.2 | Sindku: Dawl fi Ġnien Brejġu | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol tad-dawl fuq Ġnien Brejġu tlesta. Bħalissa qed isiru xogħlijiet fuq il-bankina ta' madwar il-Ġnien. | Sindku |
| 12. 2. 3 | 11.3.8 | Sindku: PRO Europe Congress Green Dot 2010: Green Economy in Action | Is-Sindku talab lill-Viċi-Sindku tkun preżenti għall-preżentazzjoni li ser issir mill-istess Greenpak nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 12. 2. 4 | 11.3.11 | Sindku: Tender ta' l-Iskart | Is-Sindku irraporta li bħalissa l-kuntratturi qed jiġbru d-dokumenti tat-tender tal-ġbir ta' skart. Sal-lum inġabru tlieta. | Segretarjat |
| 12. 2. 5 | 11.3.13 | Seychell: Self ta' pittura | Seychell talab sabiex tintbagħat ittra uffiċjali dwar il-pittura ta' Ġuzeppi Caruana li l-Kunsill ser jislef lill-Parroċċa. It-talba ġiet milqugħa. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 6 | 11.10.8 | Fenech: Rapport | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li iltaqgħet ma' Fr Vince u rappreżentant ta' l-ETC dwar il-proġett imsemmi fil-laqgħa preċedenti. Dan il-proġett ser ikun immirat għal żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-24 sena li ma jaħdmux jew li jridu jtejbu l-pożizzjoni tagħhom. L-Istitut Paolo Frere ser jgħin għall-użu tal-kompjuter permezz ta' computer lab li hemm fil-bini tagħhom. | Fenech |
| 12. 2. 7 | 11.10.12 | Fenech: Dawl f'Misraħ Diċembru XIII u Misraħ MA Vassalli | Fenech staqsiet lill-Kunsill dwar żviluppi fid-dawl ta' Misraħ Diċembru XIII u Misraħ MA Vassalli. Is-Sindku qal li l-fanali li hemm imwaqqgħin ser jitneħħew u ser jiġu ordnati tnejn oħra. Dawn ser jammontaw għal €2,800. Dwar Misraħ MA Vassalli is-Sindku ser jara x'jista' jsir. | Sindku |
| 12. 2. 8 | 11.10.21 | Viċi-Sindku: Attivita' minn Gaffiero Productions | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-flus tal-permess tal-attivita' ta' Gaffiero Productions ingħataw lilha u għaldaqstant ser tgħaddihom lis-Segretarjat fil-jiem li ġejjin. Din l-attivita' għamlet promozzjoni liż-Żejtun peress li attendew nies minn lokalitajiet differenti li faħħru liż-Żejtun. Gaffiero wera x-xewqa li din l-attivita' tittella tliet darbiet oħra fis-sena. Għaldaqstant għandha issir proposta bil-miktub minn Gaffiero Productions. Il-permess kien bi ħlas ta' mitt Ewro. | |

**12. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/10. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3. 1 | 01 | MEPA: PA2478/10 | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA vis-à-vis is-saħħa u s-sigurta' kemm tar-residenti u l-ġirien tad-Dar ta' l-Anzjani.** | Segretarjat |
| 12. 3. 2 | 01 | MEPA: 3850/10 | **Il-Kunsill qabel li l-permessi li jitolbu għal garaxxijiet basement u semi-basement, il-MEPA għanda tassigura li l-bankini għandhom ikunu aċċessibli għal pedestrians.** | Segretarjat |
| 12. 3. 3 | 03 | OPM: Twaħħil ta' sistema ta' WIFI | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li twaħħlet sistema ta' WIFI fl-uffiċċji tal-Kunsill kif tindika it-tabella fuq il-faċċata ta' l-uffiċini. Dan il-WIFI qed ikun sussidjat mill-kumpanija Go. Issa qed isiru tħejjijiet sabiex titwaħħal sistema ta' WIFI fi Ġnien San Girgor. | Segretarjat |
| 12. 3. 4 | 06 | DLG: Memo 122/10 Ikliet u Riċeviment organizzati mill-Kunsill Lokali | **Wara li nqrat l-ittra tad-dipartiment, il-Kunsill qabel li għandu jitlob il-permess ta' l-istess dipartiment sabiex ir-riċeviment isir fil-Milied filwaqt li l-ikla ta' l-istaff issir f'Marzu fejn jiġu mistiedna ukoll il-partners tal-kunsillieri u l-impjegati u l-baġit ikun ta' €25 kull ras minflok €50. Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill sabiex dan l-item jitressaq waqt il-laqgħa tas-Sindki. Il-Kunsill approva nem.con.** | Segretarjat |
| 12. 3. 5 | 07 | M. Vassallo: One way - Triq Salvu Cacciattolo | Inqrat l-ittra ta' residenta fi Triq Salvu Cacciattolo sabiex din it-triq issir one way. **Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Darmanin sabiex isegwi dan il-każ ma' TM.** | Darmanin |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3. 6 | 08 | Perit R. Abela: Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun | Il-Kunsill Lokali laqa' l-istedina tal-Perit R. Abela sabiex jattendi għal-laqgħa nhar it-3 ta' Ottubru fis-Sala Parrokkjali fl-10am sabiex titwaqaf il-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-użu tal-logo tal-Kunsill kif ukoll minn videos ta' Żejt iż-Żejtun mill-Perit R. Abela fuq l-internet. **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Perit R Abela peress li kemm il-logo kif ukoll il-videos huma propjeta' tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 12. 3. 7 | 09 | C.Busuttil: Ħamiem fl-inħawi ta' Trejqet il-Kebbies tal-Fanali. | Is-Sindku inkariga lil Darmanin sabiex isegwi l-każ ta' ħamiem li qed joqgħod f'post abbandunat fuq wara ta' Trejqet il-Kebbies tal-Fanali li qed ikun ta' inkonvenjent għall-ġirien. Il-Kunsill ser jipprova jsib in-numru tal-permess ta' żvilupp ta' Triq Villa Cagliares sabiex ikun avviċinat sid il-post u jintlaħaq qbil biex issir xibka u dan l-inkonvenjent jitneħħa. | Darmanin |
| 12. 3. 8 | 10 | Inlingua: Servizzi għall-Ibliet Ġemellati | Camilleri ġie inkarigat mis-Sindku isegwi is-servizzi li qed toffri l-kumpanija l-Inlingua bħal korsijiet ta' l-Ingliż, akkomodazzjoni u attivitajiet soċjali għall-ibliet ġemellati mal-Kunsill Lokali Żejtun. Fenech staqsiet jekk il-Kunsill bgħattx informazzjoni dwar Tocina u Seville għall-konferenza li l-Kunsill ġie mistieden għaliha. ir-risposta kienet fil-pożittiv u l-konferenza għandha tittella għal ħabta ta' Frar/Marzu 2011. | Camilleri |
| 12. 3. 9 | 11 | Greenpak: Tunellaġġ - Recycling Tuesdays | Il-Kunsill innota li nhar id-19 u s-26 ta' Lulju, il-valur ta' tunellaġġ ikkwotat mill-Greenpak huwa verament baxx. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob sabiex issir reviżjoni ta' l-ammonti mibgħuta. | Segretarjat |
| **12. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 12/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 12. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 12/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 12/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 12. 4. 2 i | 6-7, 11-14, 38-41 | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill li l-Greenpak għaddiet lill-Kunsill is-somma ta' €1,000. | | |
| | 16 u 29 | Is-Sindku talab sabiex tkun iċċekkjata r-rata ta' recycling tuesdays. | | |
| 12. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 12/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| **12. 5.** | | **Żejt iż-Żejtun** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku qal li peress li din id-darba n-Notte Bianca ser issir fl-istess data ta' Żejt iż-Żejtun, il-Kunsill kellu jinvesti f'iktar pubbliċita'. Infatti saru reklami fil-magazines Day by Day u Gwida. | Sindku Viċi-Sindku |

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 5. 2 | | | Is-Sur Sammy Cremona, l-espert dwar l-istudju tas-siġra taż-żebbuġ, flimkien mas-Sindku ta' l-Imġarr avviċinaw lis-Sindku peress li ser issir konferenza dwar is-siġra taż-żebbuġ. L-għeluq tal-konferenza ser issir proprju fiż-Żejtun permezz tal-'Mercatino dell'Olio Vergine'. Aktar dettalji jingħataw aktar 'l quddiem. | Sindku |
| 12. 5. 3 | | | Darmanin ġie inkarigat mis-Sindku jikkordina t-trasport pubbliku mat-TM filwaqt li ser tinfetaħ għalqa għall-parking ħdejn Cassar Service Station. Darmanin talab sabiex is-sena d-dieħla isiru flyers bil-Malti dwar l-attivita'. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill isib il-finanzi meħtieġa dawn ma jkunux problema biex isiru. | Viċi-Sindku Darmanin |
| 12. 5. 4 | | | Fenech talbet lill-Kunsill jikkunsidra sabiex is-sena d-dieħla jistieden lill-belt ta' Tocina sabiex tieħu sehem f'din l-attivita' peress li wieħed mill-kunsillier huwa ~~professur~~ fuq iż-żejt taż-żebbuġa. | Sindku Viċi-Sindku |
| 12. 5. 5 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill bil-problema li nqalgħet dwar tieġ li ser ikun ċelebrat is-Sibt 25 ta' Settembru fil-Knisja ta' San Girgor. Qed issir evalwazzjoni kif tista' tiġi solvuta din il-problema peress li l-Kunsill kellu diġa' programm lest għal din iż-żona kif ukoll esebizzjoni ta' mudelli ta' karozzini. | Sindku Viċi-Sindku Darmanin |
| 12. 5. 6 | | | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar id-19 ta' Settembru fl-10am fl-uffiċċju tal-Kunsill ser issir laqgħa b'aktar dettalji dwar din l-attivita'. | Viċi-Sindku |
| 12. 5. 7 | | | Il-Viċi-Sindku talbet il-kollaborazzjoni għat-tindif tat-toroq li fihom ser titella' l-attivita' filwaqt li ma jingħatawx permessi biex isir xogħol fil-village core nhar is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 ta' Settembru. | Sindku Hales Darmanin |
| **12. 6.** | | **Quarterly Financial Report** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. 6. 1 | | Segretarjat: Rapport | Fuq il-mejda tal-Kunsill tpoġġa r-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena bejn April-Ġunju 2010 u ingħata rapport dettaljat tad-dħul u l-infieq. Dan il-kwart tas-sena għalaq b'bilanċ pożittiv ta' €27,702. **Il-Kunsill approva nem.con dan ir-rapport.** | |
| **12. 7.** | | **Misraħ Indipendenza** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12. 7. 1 | 11.6.1 | Pace: Art inkwistjoni tat-tkabbir u tisbiħ ta' Misraħ Indipendenza | Pace irraporta li skond id-Dipartiment ta' l-Artijiet fil-file ta' l-art inkwistjoni m'hemmx raġuni li tindika għaliex fi tliet snin preċedenti ma ġewx aċċettati l-qbiela. Is-Sindku spjega li l-inkwilin ta' din l-art kien lest li jċedi l-art. Minnfinformazzjoni li għandu l-Kunsill, il-Gvern għandu dritt jieħu din l-art meta jrid u jagħti kumpens tal-benifikant. S'issa l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mis-Seg. Parlamentari Jason Bonnici dwar il-korrispondenza li bagħat u **għaldaqstant ġie deċiż li jintbagħat reminder.** | Segretarjat |
| **12. 8.** | | **Mozzjonijiet u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Minghand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 8. 1 | | Sindku: Kwotazzjonijiet | Is-Sindku talab sabiex jinħarġu l-kwotazzjonijiet għal xiri ta' konkos u kurduna. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | |

**12. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 9. 1 | | Seychell: Plot fi Triq Kastellan | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u għadda lill-Kunsill ~~korrispondenza~~ mill-Awtorita' tad-Djar dwar plot fi Triq Kastellan li kellha tinbena mill-istess Awtorita' iżda din spiċċat bħala plot mitluqa b'karozzi abbandunati. **Il-Kunsill qabel li għanda tinġibed l-attenzjoni ta' l-Awtorita' tad-Djar.** | Segretarjat |
| 12. 9. 2 | | Sindku: Xogħol fuq il-bring in sites ta' Triq Ġiebja Rumana | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-bring in site ta' Triq Ġiebja Rumana ser jitkompla wara l-attivita' Żejt iż-Żejtun. | Sindku |
| 12. 9. 3 | | Sindku: Rapport CDCC | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li l-kumpanija PSV lestiet it-twaħħil ta' madum ta' fuq u ta' isfel tac-CDCC. Għad fadal isiru id-dawl u l-ilma kif ukoll it-twaħħil taċ-ċeramika tat-toilets. | Sindku |
| 12. 9. 4 | | Sindku: Passaġġ fi Triq Kamumilla | **Il-Kunsill qabel li l-passaġġ ta' quddiem Triq il-Kamumilla għandu jsir bil-madum ta' barra sabiex tissolva l-problema li hemm preżentement.** | Sindku |
| 12. 9. 5 | | Fenech: Abbuż ta' rimi ta' skart | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar abbuż ta' rimi ta' skart anke goff fi plot abbandunata fi Triq Tamburin. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ittra lir-residenti ta' din it-triq filwaqt li Darmanin talab sabiex jitwaħħlu t-tabelli.** Fenech talbet sabiex l-skart li hemm f'din il-plot jitneħħa. Is-Sindku spejga li jekk l-iskart mhuwiex fuq in-naħa ta' ġewwa tal-plot u jkun possibli li l-iskart jitneħħa, jitneħħa. | Sindku |
| 12. 9. 6 | | Fenech: Skema FES | Fenech infurmat lill-Kunsill bi skema li ħarġet l-FES għal żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-21 sena li jistgħu jkunu utli għall-Kunsill. Il-Kunsill se jġib aktar informazzjoni. | Segretarjat |
| 12. 9. 7 | | Hales: Ġibjuni mhux attivitati | Hales talab lill-Kunsill sabiex jikteb ittra lill-Ministru Pullicino dwar il-ġibjuni mhux attivati madwar il-lokalita' bħal dawk li jinsabu f'Misraħ Santa Marija u Triq il-Kostituzzjoni ħalli dawn il-ġibjuni jerġgħu jiġu attivati. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Malta Resources Authority.** | Segretarjat |
| 12. 9. 8 | | Hales: Għeluq ta' Triq il-Kbira | Hales ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-permessi għall-għeluq ta' Triq il-Kbira sabiex isir tindif ta' ġiebja minn residenza privata. **Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' sid ir-residenza.** | Sindku<br>Darmanin |
| 12. 9. 9 | | Darmanin: Żbir tas-siġar taż-żebbuġ | Darmanin talab sabiex isir iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ f'Diċembru. Hales informa lill-Kunsill li ż-żmien opportun għaż-żbir taż-żebbuġ huwa f'Ottubru. Hales talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex 3 siġriet taż-żebbuġ jinqalgħu minn posthom u jitpoġġew f'post ieħor. **Il-Kunsill qabel li jitlob il-permess tal-MEPA.** | Hales |
| 12. 9. 10 | | Hales: Tindif tal-barumbara | Hales talab lill-Kunsill sabiex isir it-tindif tal-barumbara ta' Ġnien San Girgor. **Il-Kunsill qabel li għandu jġib kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.** | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 11 | Fenech: Attivitajiet<br>l-astronomija | Fenech infurmat lill-Kunsill li s-sotto kumitat taż-żgħażagħ u sport ser jagħmel żewġ attivitajiet - horse riding u lecture dwar it-telescopes. **Il-Kunsill qabel nem.con** | Fenech |
| 12. 9. 12 | Fenech: Noticeboard | Fenech talbet sabiex mal-ħajt tal-kamra tal-pompa l-kbira titwaħħal noticeboard li fiha jitwaħħlu avviżi konċernati ma' l-attivitajiet taż-żgħażagħ. Fenech talbet permess ukoll sabiex issir tpenġija ma' l-istess ħajt miż-żgħażagħ. **Il-Kunsill approva dawn il-proposti.** | Fenech |
| 12. 9. 13 | Camilleri: Skart fl-iskola Primarja A | Camilleri staqsa lill-Kunsill dwar il-ġbir ta' skart minn quddiem il-librerija ta' l-iskola. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Kap ta' l-Iskola Primarja A sabiex din l-area titnaddaf mill-cleaners ta' l-iskola.** | Segretarjat |
| 12. 9. 14 | Darmanin: Skips Carlo Diacono Junior Lyceum | Darmanin ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-iskips ta' l-iskola Carlo Diacono peress li ilhom tlett ijiem ma jinħarġu biex jitbattlu. | Sindku |
| 12. 9. 15 | Seychell: Tqassim ta' Boroz Ħodor | Seychell ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill każ ta' persuna li tilef il-karta li ħallewlu d-dar id-distributuri tal-boroż il-ħodor. **Il-Kunsill qabel li din il-persuna għandha tingħata il-boroz ħodor fil-waqt li tippreżenta l-id card tagħha lir-reception sabiex jieħdu d-dettalji ta' din il-persuna.** | Viċi-Sindku<br>Segretarjat |
| 12. 9. 16 | Seychell: Zebra Crossing fi Triq San Girgor | Seychell reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar iz-zebra crossing ta' wara l-knisja parrokkjali fi Triq San Girgor peress li hemm tabella nieqsa kif ukoll tinsab mingħajr flickers u floodlight nieqsa. | Darmanin |
| 12. 9. 17 | Seychell: Spuction fuq bankina fi Triq Qalb ta' Ġesu' k/m Misraħ Kan. Giov Vella | Seychell talab sabiex jitwaħħal bollard jew tnejn fuq il-bankina fi Triq Qalb ta' Ġesu' k/m Misraħ Kanonku de Domenico peress li kull darba qed jitilgħu l-vetturi fuq l-imsemmi spuction. Is-Sindku spjega li jekk l-ispuction jinkiser dan isir tal-ħadid. | Sindku |
| 12. 9. 18 | Seychell: Tindif - Triq Bormla | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tindif li sar fi Triq Bormla iżda mhux in-naħa tar-residenzi. Għaldaqstant talab sabiex dan jitnaddaf. **Din it-talba ġiet milqugħa.** | Hales |
| 12. 9. 19 | Camilleri: Tindif - Triq Makna tal-Ħalib | Camilleri talab sabiex isir it-tindif ta' Triq il-Makna tal-Ħalib. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Hales |
| 12. 9. 20 | Camilleri: Skart f'għalqa fi Triq Bormla | Camilleri informa lill-Kunsill dwar rimi ta' skart ġo għalqa privata fi Triq Bormla. **Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel tabelli li jindikaw li ma jistax isir rimi ta' skart.** | Sindku<br>Darmanin |
| 12. 9. 21 | Viċi-Sindku: Ħajt mal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku fakkret li l-festa tal-Madonna tal-Ħniena ser tiġi ċelebrata nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru filwaqt li reġgħet ġibdet l-attenzjoni dwar ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja li jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Arċipriet. Għalkemm din il-persuna ġiet avviċinata s'issa, ma ttieħditx azzjoni. **Il-Kunsill qabel li jekk il-ħajt ma jitranġax min-naħa tal-Knisja, il-ħajt jissewwa mill-Kunsill a spejjeż tal-Knisja.** | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 9. 22 | Viċi-Sindku: Talba għal barrier<br>John Borg | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir barrier fi Triq Lorenzo Gafa' k/m Triq ~~Madonna tal-Ħniena~~. Hawnhekk il-Kunsill semma' il-barriers li għad għandu pendenti x'jagħmel u li diġa' tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Għaldaqstant it-talba tal-Viċi-Sindku ser titniżżel fuq il-lista. Dan sabiex jitħarsu l-pedestrians kif ukoll ir-residenzi konċernati. | Sindku Darmanin |
| 12. 9. 23 | Viċi-Sindku: Tranġar ta' bankina | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jiġi irranġat xifer il-bankina fi Triq il-Kostituzzjoni quddiem John Borg Pharmacy qabel l-attivita Żejt iż-Żejtun. **Din it-talba ġiet milqugħa.** | Sindku |
| 12. 9. 24 | Viċi-Sindku: Tilqim ta' l-Influwenza | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li għalkemm ħafna residenti qed jistaqsu għat-tilqima kontra l-influwenza, s'issa d-dipartiment tas-saħħa għadu ma bagħat xejn. | Viċi-Sindku |
| 12. 9. 25 | Viċi-Sindku: Bankina fi Triq Frank Ghio | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex titranġa l-bankina quddiem il-garaxxijiet basement fi Triq Frank Ghio. **Din it-talba ġiet milqugħa.** | Segretarjat |
| 12. 9. 26 | Viċi-Sindku: Laqgħa maż-Żejtun Corinthians | Il-Viċi-Sindku staqsiet x'risposta ingħatat waqt il-laqgħa li saret maż-Żejtun Corinthians dwar il-premises li jistgħu jużaw l-istess Corinthians. | |
| 12. 9. 27 | Wille Piscopo: Ħajt perikoluż Triq Kamumilla | Wille Piscopo irrapurtat ħajt perikoluż fi Triq il-Kamumilla. **Għaldaqstant ġie deċiż li jsir rapport lill-Pulizija.** | Segretarjat |
| 12. 9. 28 | Sindku: Talba mill-impjegata C. Schembri | Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza mingħand l-impjegata C. Schembri fejn tablet sabiex tibda tesegwixxi xogħol ta' l-uffiċċu mid-dar sabiex tkun tista taqdi id-dmirijiet familjari tagħha. Filwaqt li ġew espressi diversi opinjoniet fuq dan ir-rigward u ntalab sabiex il-Kunsill jieħu parir legali, is-Sindku irrakkomanda li din it-talba ghandha tinqasam bejn il-Kunsill u l-imjegata. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Sindku Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fil-__________pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv